# MILIED MALTI

*Ta'* Charles Coleiro

Ersaq Milied qaddis fuq Malta tagħna,
Bil-ferħ u l-hena li wellidt fl-istalla;
Ibdel il-mard u l-hemm f'uċuh ferħana
U ixħet fuq dil-Gżira l-barka t'Alla.

Erġa', Bambin Ġesù, sib il-maxtura
F'kull dar li għandna u xxerred fuqha l-milja
Tal-grazzji li teħtieġ, fil-qlub mistura
Ta' l-imnikktin, fl-ulied ta' kull familja.

Ejja bħal dari mdawwar bil-ġulbiena,
Bil-kant taċ-ċkejkna, il-priedki sbieħ ta' tifel,
Bil-kagħak tal-għasel u l-lejliet fiddiena
Ta' qamar jidħak, u presepju jixgħel.

Nibqgħu, Maltin, nifirħu bil-Bambin,
Niċħdu d-drawwiet keshin tal-barranin.